MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 499/2001/1

**Emanuel Delicata Distributors Limited**

**vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' hdax-il elf disa mija u erbgha u sebghin liri Maltin u tlieta u disghin centezmi (lm11,974.93) kwantu ghall-hdax-il elf seba' mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u

hmistax-il centezmu (Lm11727.15) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjati u kwantu ghall-mitejn sebgha u erbghin liri Maltin u tmienia u sebghin centezmi (Lm247.078) interessi dovuti sat-28 ta' Marzu 2001 skond il-kont hawn anness markat Dokument A;

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ill dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid l-ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex dina l-Qorti:

1 Taqta u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 I cioe bid-dispena tas-smiegh;

2 Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hdax-il elf u disgha mija u erbgha u sebghin liri Maltin u tlieta u disghin centezmi (LM11,974.93) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 837/01 u bl-imghax legali fuq is-somma ta' hdax-il elf seba' mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm11727.15) mit-28 ta' Marzu 2001 kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjeta konvenuta naqset li tidher u naqset li b'xi mod tikkontesta t-talbiet attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hdax il-elf u disgha mija u erbgha u sebghin liri maltin u tlieta u disghin centezmi (LM11,974.93) dovuti in parte bhala bilanc ta' somma akbar prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjati u in parti bhala l-imghaxxijiet relattivi dovuti sat-28 ta' Marzu 2001 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali fuq is-somma ta' hdax-il elf seba' mija u sebgha u ghoxrin liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm11727.15) mit-28 ta' Marzu 2001 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------